MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2548/2000/1

**Events Travel and Incentives Ltd.**

**Vs**

**Claire Bagnley u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2004 Dr. Richard Sladden u P.L. Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi tal-assenti Claire Bagnley.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien specifikat, kopja ta' liema kuntratt hu hawn anness bhala Dok.A, il-konvenuta giet impjegata bhala Executive mas-socjeta' attrici;

Premess illi skond il-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt l-impjieg tal-konvenuta beda fl-20 ta' Lulju, 1998 u kellu jigi terminat fl-20 ta' Lulju, 2002;

Premess illi b'ittra ddatata 21 ta' Awissu, 2000 il-konvenuta unilateralment irrezenjat mill-impjieg taghha mad-ditta attrici (Dok. B) b'effett mit-28 ta' Settembru, 2000;

Premess illi ai termini tal-Artikolu 34 (12) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' nofs is-somma li kellha tircievi bhala mpjegata ghall-perjodu bejn it-28 ta' Settembru, 2000 sal-20 ta' Lulju, 2002;

Premess illi jirrizulta mill-*pay advice slip* pprezentat mil-konvenuta stess li kienet gia impjegata ma azjenda ohra mill-inqas mit-22 ta' Settembru, 2000 u cioe qabel it-28 ta' Settembru, d-data ta' terminu tal-impieg taghha mas-socjeta' attrici;

Premess illi skond il-provvediment tal-kuntratt ta' impieg tal-konvenuta u senjatament klawsola numru 4 (erbgha), il-konvenuta kienet ipprojibita milli timpiega ruhha jew tahdem ma azjenda tul (l-impieg) l-taghha mas-socjeta' attrici;

Premess illi ksur ta' dan il-provvediment hu sanzjonabbli bil-hlas ta' Lm3,000 (tlett elef Liri Maltin) in linea ta' danni likwidati;

Tghid l-istess konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta kisret il-kuntratt ta' impjieg ghal zmien definittiv mas-socjeta' attrici meta rrezenjat fil-21 ta' Awissu, 2000;

2. Tiddikjara li ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici nofs l-ammont tas-somma li kienet intitolata ghaliha bhala impjegata tas-socjeta' attrici ghal

perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Settembru, 2000 sal-20 ta’ Lulju, 2002;

2a. Tiddikjara li l-konvenuta kisret il-kuntratt ta’ impieg u ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) rapprezentanti danni likwidati ghall-ksur tal-klawsola 4 tal-imsemmi kuntratt tal-impieg;

3. Tillikwida l-ammont dovut kif fuq iddikjarat okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:

Illi l-pretenzjonijiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici kienet siefret minn Malta sabiex tahdem ai termini ta’ l-Art. 12 (i) u (ii) tal-kuntratt ta’ impieg taghha u ghaldaqstant l-atturi ma ghandhomx dritt jinvokaw l-Kap 135 kif qeghdin jittantaw li jaghmlu.

Sussidjarment ghandu jigi ezaminat jekk il-kuntratt *de quo* huwiex wiehed illi ghandu jitqies wiehed definit stante illi l-konvenuta kienet ga fl-impieg ta’ l-atturi fuq kuntratt indefinit u kienet giet mgieghla tiffirma l-kuntratt odjern wara.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-konvenuta.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Richard Sladden a fol. 78** tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenuta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 49;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Aukvati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jissottomettu li l-konvenuta kienet impjegata maghhom bhala *executive* skond kuntratt definitiv ta' mpieg Dok A. fol. 5. Fil-21 ta' Awissu, 2000 kienet kitbitilhom li xtaqet tittermina x-xoghol taghha mill 27 ta' Settembru, 2000 billi kienet se temigra. Huma jirritjenu li l-konvenuta tterminat l-impiega taghha bl-iskuza li kienet se temigra meta fil-fatt hija mpjegat ruhha ma' kumpanija ohra Maltija kompetitrici. Ghalhekk qed jitolbu li jigi dikjarat li hija kisret il-kuntratt u ghandha thallas nofs l-ammont tas-somma li kienet intitolata ghaliha bhala impjegata tas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' bejn it-28 ta' Settembru, 2000 sal-20 ta' Lulju, 2002.

Il-konvenuta qed teccepixxi li hija kienet siefret minn Malta sabiex tahdem ai termini ta' l-Art. 12 (i) u (ii) tal-kuntratt ta' impieg taghha u ghaldaqstant l-atturi ma ghandhomx dritt jinvokaw l-Kap 135 kif qeghdin jittantaw li jaghmlu.

Illi skond l-imsemmi artikolu 12 tal-ftehim Dok A a fol 5 dwar *Termination, Employee may opt to terminate the said contract with a three month notice period due to the following circumstances: (I) Employment overseas u (ii) Emigration.*

Il-konvenuta tikkontendi li allavolja fl-ittra ta' rizenja taghha hija kienet semmiet biss li kienet ser temigra, pero' jibqa l-

fatt li hija kellha l-fakolta' li tirrizenja wkoll biex tmur tahdem barra minn Malta kif attwalment ghamlet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta tat bhala raguni ghat-terminazzjoni, r-raguni li kienet ser temigra, meta fil-fatt hija marret l-Ingilterra u regghet irritornat Malta fejn sabet *job*. Il-konvenuta semmiet bhala raguni tar-ritorn taghha, problemi personali.

L-atturi qed jaghmlu t-talba taghhom kontra l-konvenuta billi jghidu li huma kienu jissuspettaw li l-konvenuta gabet skuza biex ma tkompliex bil-*job* u mhux ghax verament riedet temigra. Izda, mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-atturi rnexxilhom jissostanzjaw l-allegazzjoni taghhom li l-konvenuta ma kelliex raguni valida. Ghalhekk il-Qorti ma tistghax tikkonkludi li hemm provi bizzejjed biex jigi dikjarat li l-konvenuta kisret il-kuntratt taht l-artikolu 12 tal-ftehim. Fil-fatt illum il-konvenuta qieghdha barra minn Malta.

Minn naha l-ohra l-atturi ghamlu talba wkoll biex jigi dikjarat li l-konvenuta kisret il-kuntratt ta’ mpieg taht l-artikolu 4 tal-ftehim u ghalhekk ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) rapprezentanti danni likwidati. L-atturi qed jissottomettu li l-konvenuta kienet kitbitilhom li ser ittermina x-xoghol taghha mis-27 ta’ Settembru, 2000. Huma kienu hallsuha sas-27 ta’ Settembru, 2000. Issa skond il-*pay slips* tal-konvenuta li gew ezibiti a fol.17 jidher li hija bdiet tahdem f’post iehor qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt.

Fil-fatt jirrizulta minn dawn il-*pay slips* li l-konvenuta kienet impjegata ma’ ditta ohra meta hija suppost kienet qed tahdem ma’ l-atturi. Fil-fatt fil-*pay slips* imsemmija l-konvenuta qed tigi mhallsa ghal “week ending 22$^{nd}$ September” u “ week ending 29$^{th}$ September 2000” meta fil-fatt hija kienet ghadha mpjegata sas-27 ta’ Settembru, 2000 ma’ l-atturi. Dan hu ksur tal-kuntratt fil-klawsola 4.
Illi ghalhekk dina t-talba hija gustifikata.

Kwantu ghal dak sottomess mill-konvenuta li ghandu jigi ezaminat jekk il-kuntratt *de quo* huwiex wiehed illi ghandu

jitqies bhala wiehed definit stante illi l-konvenuta kienet ga fl-impieg ta’ l-atturi fuq kuntratt indefinit u kienet giet imgieghla tiffirma l-kuntratt odjern, il-Qorti tirrileva li l-konvenuta ma gabet ebda prova fuq dina s-sottomissjoni u lanqas ma gabet xi prova li hija kienet giet imgieghla li tiffirma l-ftehim a fol. 5. L-atturi xehdu li fil-fatt bil-kuntratt definittiv li nghata lill-konvenuta hija bbenefikat minn pakkett ta’ remunerazzjoni generuz li ma kellhiex qabel.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talbiet attrici hlief ghat-tieni talba
u tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta’ tlett elef liri Maltin (Lm3,000) lis-socjeta’ attrici
Bl-ispejjez kwantu ghal 4/5 ghall-konvenuta u 1/5 ghall-atturi
Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------